**22 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Eugenio Coleiro

**Riċevuta Fiskali**

*Riċevuta ma tinħariġx biex tibqa' għand min ikun ħariġha iżda proprju biex tingħata lil min ikun ħallas (jew, jekk ikun, f'kuntest ieħor, riċevuta bħala prova tal-konsenja ta' oġġetti, lill-persuna li tkun ikkonsenjat l-oġġetti). Għal dan l-obbligu li tingħata jew li tiġi kkonsenjata l-irċevuta isegwi l-obbligu tal-persuna li tkun ħallset u li allura tkun irċeviet l-irċevuta fiskali li żżommha għal erbgħa u għoxrin siegħa u li tipproduċi dik l-istess irċevuta meta tintalab skond il-liġi. Il-ħruġ ta' riċevuta fiskali neċessarjament timplika l-għoti ta' dik l-irċevuta.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra Eugenio Coleiro talli bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-Att biex jipprovdi għal Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XII ta' l-1994) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, fit-22 ta' Lulju, 1995, fid-9.35 p.m. fil-ħanut il-Brigante Restaurant, Ball Street, Paceville, naqas, jew hu jew impjegati tiegħu, li joħroġ riċevuta

fiskali permezz ta' *cash register* fiskali fuq bejgħ ta' provvista taxxabbli skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista u dan bi ksur tar-regolamenti 2, 3, 4 u 11 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Riċevuti Fiskali) (Avviż Legali 158 ta' l-1994), u l-artikoli 40, 63 (a) u (e) u 66 ta' l-Att XII ta' l-1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Eugenio Coleiro *ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u* minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-7 ta' Marzu, 1996 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu, bażikament, li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi li, skond hu, kienu juru biċ-ċar li l-irċevuta jew irċevuti fiskali ma kinux inħarġu għax it-turisti, li kienu qed jieklu fl-istabbiliment in kwistjoni, kienu diġa' ħarġu, u kien biss meta marru ftit tal-ħin wara l-ispetturi tal-V.A.T. li din l-irċevuta jew dawn l-irċevuti nħarġu u ġew irreġistrati fil-*Fiscal Cash Register* kif rikjest mil-liġi. Mill-provi jirriżulta li fit-22 ta' Lulju, 1995, żewġ spetturi *tal-V.A.T. kienu qegħdin jistennew barra l-Birgante Restaurant* f'Paceville meta raw tnejn min-nies, li wara rriżulta li kienu turisti ħerġin mill-imsemmi stabbiliment. Wara li identifikaw ruħhom, huma talbu li jaraw l-irċevuta li kienet ġiet rilaxxjata lilhom. It-turisti qalulhom li l-irċevuta kienu ħallewha ġewwa r-*restaurant*. Irriżulta li l-irċevuta li kienet ingħatatilhom ma kinitx waħda fiskali. Dak il-ħin stess, jiġifieri <u>wara</u> li l-ispetturi kienu reġgħu daħlu ġewwa mat-turisti, il-*manager* (ċertu Daniel

Debono) irreġistra l-ammont relattiv fil-*fiscal cash register* u ħareġ l-irċevuta fiskali;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet li "ma rriżultax ippruvat bħala fatt jekk x'ħin daħlu l-*inspectors* kinitx qiegħda tinħareġ l-opportuna riċevuta fiskali". Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, din il-konsiderazjoni hi rrelevanti. L-irċevuta fiskali kellha tinħareġ biex tiġi kkonsenjata lill-persuna li kienet ħallset għall-ikel u xorb li kienet irċeviet u konsegwentement din kellha tinħareġ qabel ma din il-persuna toħroġ mill-istabbiliment in kwistjoni. Fil-każ in diżamina kien biss wara li t-turisti reġgħu daħlu ma' l-ispetturi li l-irċevuta ġiet irreġistrata u nħarġet. Huwa veru li r-regolament 3 ta' l-Avviż Legali 158 ta' l-1994 ġie mirqum u magħmul aktar ċar bl-emenda introdotta bl-Avviż Legali 173 ta' l-1995 (emenda b'seħħ mis-7 ta' Diċembru, 1995). Infatti dan ir-regolament illum jaqra hekk:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, kull persuna taxxabbli li tagħmel provvista taxxabbli jew provvista msemmija fit-Taqsima Wieħed tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att (provvista eżentata bil-kreditu) għandha toħroġ, ħlief meta tenħtieġ li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista, riċevuta fiskali skond dawn ir-regolamenti għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista u dik ir-riċevuta fiskali għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas jew lill-persuna li tkun irċeviet il-proposta minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas ..." (sottolinear tal-Qorti);

Isegwi imbagħad, proviso li mhux relevanti għall-każ in diżamina. Il-kliem sottolineati żdiedu bl-emenda tas-7 ta' Diċembru, 1995, b'mod għalhekk li qabel dik id-data r-regolament in kwistjoni kien jagħlaq bil-kliem "mħallsa għal

dik il-provvista". Fil-fehma tal-Qorti l-kliem miżjuda sempliċement jagħmlu aktar ċar obbligu li kien diġa jeżisti anke qabel dik l-emenda u ċjoe' li l-irċevuta tinħareġ u tingħata lil min ikun ħallas. Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-ħruġ ta' irċevuta (*issue of a receipt*) jiġifieri l-ħruġ ta' dokument intiż biex min ikun ħallas ikollu prova tal-pagament li jkun sar. Riċevuta ma tinħariġx biex tibqa' għand min ikun ħariġha iżda proprju biex tingħata lil min ikun ħallas (jew, jekk tkun, f'kuntest ieħor, riċevuta bħala prova tal-konsenja ta' oġġetti, lill-persuna li tkun ikkonsenjat l-oġġetti). Għal dan l-obbligu li *tingħata jew li tiġi kkonsenjata l-irċevuta jsegwi l*-obbligu tal-persuna li tkun ħallset u li allura tkun irċeviet l-irċevuta fiskali li żżommha għal erbgħa u għoxrin siegħa u li tipproduċi dik l-istess irċevuta meta tintalab skond il-liġi u dan kif jipprovdi r-regolament 10 ta' l-A.L. 158 ta' l-1994. Il-Qorti tosserva *li anke f'dan ir-regolament 10 l-espressjoni użata hi* "tinħarġilha riċevuta fiskali" ("*to whom a fiscal receipt is issued*", fit-test Inliż) u mhux "tinħaġilha u tingħatalha riċevuta fiskali" proprju għax il-ħruġ ta' riċevuta fiskali neċessarjament timplika l-għoti ta' dik l-irċevuta. Fil-każ in diżamina l-irċevuta fiskali *ma nħarġitx lit-turisti u kien biss wara l-intervent ta'* l-Ispetturi tal-V.A.T. li din inħarġet (u ttieħdet mill-istess spetturi biex jesibuha fil-kawża). Għalhekk f'dan il-każ jikkonfigura r-reat ikkontemplat fl-artikolu 63 (e) ta' l-Att XII ta' l-1994. Iż-żewġ imputazzjonijiet jammontaw għal dan ir-reat wieħed;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara lill-appellat Eugenio Coleiro ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u wara li rat l-artikolu 63 (e) ta' l-Att XII ta' l-1994, *tikkundannah għal multa ta' sebgħin lira* (Lm70) konvertibbli f'erbatax-il ġurnata priġunerija f'każ ta' nuqqas ta' pagament skond il-liġi.

---